MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Numru. 407/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Emanuel Dingli**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Emanuel Dingli ta’ 20 sena, iben Emanuel u Mary nee` Mizzi, imwieled il-Pieta` nhar it-23 ta’ Mejju, 1992 u residenti gewwa numru 31, Triq Joseph Burlo, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 267392(M).

Akkuzat talli nhar it-23 ta’ Frar 2013 u fis-sena ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu ir-**raza mehuda mill-pjanta Cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta, il-fatt li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, ghadu jistudja u ma jidhirx li ghandu l-vizzju tad-droga.

**Konkluzzjoni:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101, u r- Regolament 9 tal- Legisslazzjoni Susidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument NS2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------